



Brussell, 12 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

06782/26

COPS 119  
CSDP/PSDC 113  
CFSP/PESC 300  
EUMC 69  
MAMA 46  
CONUN 25  
EUNAVFOR MED 7

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (EUNAVFOR MED IRINI/1/2026)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni  
tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran  
(EUNAVFOR MED IRINI)  
(EUNAVFOR MED IRINI/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/472/oj>.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) għall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2021.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 tippredvi li, minkejja dak il-perjodu, l-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni għandha tiġi kkonfermata mill-ġdid kull erba' xhur u li l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jtawwal l-operazzjoni sakemm l-iskjerament tal-assi marittimi tal-operazzjoni ma jipproduċix effett ta' attrazzjoni fuq il-migrazzjoni abbażi ta' evidenza sostanzjata miġbura skont il-kriterji stipulati fil-Pjan Operazzjonali.
- (3) Fil-11 ta' Marzu 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/488<sup>2</sup>, li estendiet l-EUNAVFOR MED IRINI sal-31 ta' Marzu 2027, soġġett għall-istess proċedura ta' konferma mill-ġdid.
- (4) Fit-18 ta' Novembru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2451<sup>3</sup>, li kkonfermat mill-ġdid l-awtorizzazzjoni ta' EUNAVFOR MED IRINI sal-31 ta' Marzu 2026.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/488 tal-11 ta' Marzu 2025 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L., 2025/488, 12.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/488/oj>).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2451 tat-18 ta' Novembru 2025 dwar il-konferma mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (EUNAVFOR MED IRINI/5/2025) (ĠU L., 2025/2451, 3.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2451/oj>).

- (5) Il-Kmandant tal-Operazzjoni pprovda rapporti ta' kull xahar dwar il-fattur ta' attrazzjoni.
- (6) Jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-EUNAVFOR MED IRINI tiġi kkonfermata mill-ġdid għad-dsatax-il subperjodu ta' erba' xhur tal-mandat tagħha u jenħtieġ li l-operazzjoni tittawwal skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-awtorizzazzjoni tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) hija b'dan ikkonfermata mill-ġdid u l-operazzjoni hija mtawla mill-1 ta' April sal-31 ta' Lulju 2026.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

---